

Paġna ewlenija>Drittijietek>Il-Vittmi ta' delitti (għalkemm hawnhekk tista' tisser ukoll tal-kriminalità)>Kumpens>

Jekk it-talba tiegħi (minn pajjiż ieħor) se titqies f'dan il-pajjiż

Jekk jogħġbok innota li l-verżjoni bil-lingwa oriġinali ta' din il-paġna [pl](#) għiet emendata reċentement. Il-verżjoni tal-lingwa li qed tara bħalissa attwalment qed tiġi ppreparata mit-tradutturi tagħna.

il-Pollakk

Swipe to change

Jekk it-talba tiegħi (minn pajjiż ieħor) se titqies f'dan il-pajjiż

Polonja

Ma hemm l-ebda traduzzjoni uffiċjali tal-verżjoni tal-lingwa li qed tara.

Hawnhekk tista' tara verżjoni tradotta awtomatikament ta' dan il-kontenut. Jekk jogħġbok innota li din hi pprovduta biss għal finijiet kuntestwali. Is-sid ta' din il-paġna ma jaċċetta ebda responsabbiltà jew obbligazzjoni fir-rigward tal-kwalità ta' dan it-test tradott b'mod awtomatiku.

-----il-Malti-----il-Bulgarul-Ispanjoliċ-Ċekid-Daniżil-Ġermaniżl-Estonjanil-Griegl-Ingliżil-FrancizKroatit-Taljanil-Latvjanil-Litwanl-Ungerizl-Olandizil-Portugizir-Rumenis-Slovakkis-Slovenil-Finlandizl-Isvediż

Liema awtorità tiddeċiedi dwar talba għal kumpens f'każijiet transfruntiera?

Din l-informazzjoni mhijiex disponibbli bħalissa.

Nista' nibgħat it-talba tiegħi direttament lill-awtorità li tiddeċiedi f'dan il-pajjiż anki f'każijiet transfruntiera (mingħajr ma jkollu bżonn nirrikorri għand l-awtorità ta' assistenza fil-pajjiż ta' oriġini tiegħi)?

It-talba għal kumpens għandha, bħala regola, tintbagħat lill-awtorità li tiddeċiedi mill-awtorità ta' assistenza. Madankollu, il-persuna intitolata tista' tibgħat ukoll it-talba direttament lill-awtorità Pollakka li tiddeċiedi.

B'liema lingwa/i l-awtorità jew l-awtoritajiet li jipprovdu l-kumpens jaċċettaw:

- it-talba?

- id-dokumenti ta' sostenn?

L-awtorità li tiddeċiedi taċċetta korrispondenza bil-Pollakk u bl-Ingliš.

L-awtorità li tiddeċiedi taċċetta l-minuti tas-seduti ta' smiġh immexxija mill-awtorità ta' assistenza ta' pajjiż ieħor bil-lingwa uffiċjali ta' dak il-pajjiż.

Jekk l-awtorità li tipprovdi l-kumpens tittraduċi t-talba jew id-dokumenti ta' sostenn minn pajjiż ieħor tal-UE, min iħallas għal dan?

L-ispejjeż tat-traduzzjoni tad-dokumenti huma koperti mit-Teżor tal-Istat.

Hemm xi spejjeż amministrattivi jew spejjeż oħrajn li għandhom jifhallsu f'dan il-pajjiż għall-ipproċessar tat-talba tiegħi (li tkun waslet minn pajjiż ieħor tal-UE)? Jekk iva, kif nista' nħallashom?

In-nies li jfittxu kumpens huma eżentati kompletament mill-obbligu li jħallsu l-ispejjeż tal-qorti.

F'każ li jkollu bżonn inkun preżenti waqt il-proċedura u/jew waqt li tkun qed tiġi deċiża t-talba tiegħi, nista' niġi rimborsat għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħi? Kif nista' nagħmel talba għalihom? Lil min għandi nikkuntattja?

Inti ma tistax tiġi rimborsat għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħek. Madankollu, is-smiġh tiegħek jista' jsir mill-bogħod, jiġifieri mingħajr ma jkollok bżonn tmur għand l-awtorità li tiddeċiedi. Inti tista' titlob lill-awtorità li tiddeċiedi sabiex tapplika mal-awtorità ta' assistenza f'pajjiżek għal assistenza fl-organizzazzjoni tat-trażmissjoni tas-smiġh tiegħek. Inti trid tagħti l-kunsens tiegħek għal dan is-smiġh.

Jiġi pprovdut interpretu, f'każ li jkollu nkun preżenti personalment?

Jekk ikun meħtieġ, l-awtorità li tiddeċiedi taħtar interpretu espert. Inti mintix se tħallas l-ispejjeż li jirriżultaw.

Iċ-ċertifikati mediċi, li jingħataw mit-tobba fil-pajjiż ta' residenza tiegħi, jiġu aċċettati jew rikonossuti - jew is-saħħa/korrimient tiegħi jkunu jridu jiġu eżaminati mill-esperti mediċi tiegħek stess?

L-awtorità li tiddeċiedi tivvaluta jekk l-eżami mwettaq mit-tobba fil-post tar-residenza tiegħek huwiex kredibbli. Jekk issib li huwa meħtieġ eżami ġdid, inti għandek toqgħod għalih. Inti se tinalab tħallas biss l-ispejjeż tal-ivvjaġġar.

Se niġi rimborsat għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħi, jekk ikollu nagħmel eżami mediku f'dan il-pajjiż?

Inti ma tistax tiġi rimborsat għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tiegħek, anki jekk kellek tiġi f'dan il-pajjiż sabiex isirlekk eżami mediku.

Kemm jieħdu żmien (bejn wieħed u ieħor) l-awtorità / il-korp sabiex jiddeċiedu dwar talba għal kumpens?

Ma hemm ebda skadenza għat-teħid ta' deċiżjoni dwar it-talbiet għal kumpens. It-tul ta' żmien jiddependi mhux biss fuq kemm ikun kumpless il-każ u x' evidenza għandha tiegħu l-awtorità li tiddeċiedi, iżda wkoll fuq l-għadd ta' każijiet li qegħdin jiġu eżaminati bħalissa mill-awtorità li tiddeċiedi.

B'liema lingwa se nircievi d-deċiżjoni dwar it-talba tiegħi?

Id-deċiżjoni dwar il-kumpens se tkun bil-Pollakk.

Jekk ma nkunx sodisfatt(a) bid-deċiżjoni, kif nista' nikkontestaha?

Jekk ma tkunx sodisfatt(a) bid-deċiżjoni dwar il-kumpens, tista' tappella kontrihha quddiem il-qorti tat-tieni istanza (*sađ II instancji*). Ma inti se tħallas ebda spiża relatata mal-appell.

Nista' ningħata għajnuna legali (għajnuna mingħand avukat) skont ir-regoli tal-pajjiż l-ieħor?

L-għajnuna legali tista' tiġi pprovduta skont il-liġi Pollakka. Din tiġi pprovduta lin-nies li juru li ma jistgħux jaffordjaw avukat. Jekk jogħġbok ftakar: meta tftitx kumpens, tista' tistenna assistenza mingħand il-prosekutor pubbliku li jmexxi l-proċedimenti relatati mar-reat li għalih tkun qed tftitx kumpens.

Hemm xi organizzazzjonijiet li joffru appoġġ lill-vittmi f'dan il-pajjiż li jistgħu jgħinuni nitlob kumpens f'każ transfruntier?

Fil-Polonja, hemm il-Fond ta' Assistenza Post-Penitenzarja u Appoġġ għall-Vittmi (*Fundusz Pomocy Pokrzywdzonym oraz Pomocy Postpenitencjarnej*), li jiġbor il-fondi allokati, *inter alia*, sabiex tingħata għajnuna lill-vittmi ta' reati u l-qraba tagħhom. Il-fond huwa amministrat mill-Ministru tal-Ġustizzja. L-appoġġ huwa organizzat b'tali mod li l-amministratur tal-fond jagħżel, fi proċedura tal-offerti miftuħa, l-organizzazzjonijiet li l-offerti tagħhom iqis li huma l-aħjar u jagħthom sussidji allokati għal miżuri għall-vittmi ta' reati.

Il-fondi jintużaw sabiex jiffinanzjaw l-għajnuna legali, psikoloġika u materjali. L-għajnuna legali tista' tkopri l-assistenza fit-tfittxija ta' kumpens, inkluż f'każijiet transfruntiera.

Jekk tixtieq tibbenifika mill-għajnuna, għandek tikkuntattja organizzazzjoni mhux governattiva li rċeviet sussidju mingħand il-Ministru tal-Ġustizzja għal dan il-għan, u turi li inti vittma ta' reat. Lista ta' tali organizzazzjonijiet, flimkien mad-dettalji ta' kuntatt tagħhom, jistgħu jinstabu fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja (<https://www.ms.gov.pl/en/about-the-ministry-of-justice/>), fit-taqsimha li tittratta l-attivitatiet/appoġġ għall-vittmi ta' reati u l-qraba tagħhom - lista ta' entitajiet u organizzazzjonijiet (ikklikkja fuq: działalność / pomoc pokrzywdzonym przestępstwem / pomoc pokrzywdzonym przestępstwem oraz osobom im najbliższym - lista podmiotów i organizacji).

L-aħħar aġġornament: 03/04/2019

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.